19 ta' Frar, 1953.

Imħallef:
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

Wisq Rev. Kan. Teżorier Lorenzo Micallef ne. *versus* Vincenza Borg et.

**Obligazzjoni Solidali — Eċċezzjonijiet — Pagament — Art. 1142 (1) tal-Kodiċi Ċivili.**

*Il-kondebitur solidali jista' jagħti l-eċċezzjonijiet kollha li huma personali għalih, kif anki dawk li jgħoddu għalih u għall-kondebituri l-oħra kollha. Dana jfisser illi l-eċċezzjonijiet li ma humiex personali, u li huma komuni għall-kondebituri kollha, jistgħu jiġu opposti min kull wieħed minnhom għar-rasu.*

*Wieħed mill-mezzi komuni ta' difiża huwa l-pagament, peress li bih tinqatel l-obligazzjoni u tispiċċa s-solidarjetà. Konsegwentement kull wieħed mid-debituri solidali, sew jekk imħarrek waħdu kemm jekk imħarrek mal-kondebituri l-oħrajn, għandu d-dritt li jeċċepixxi l-pagament, anki parzjali; għax b'hekk huwa jkun qiegħed inaqqas ir-responsabilità tiegħu fid-dejn.*

*Din l-eċċezzjoni tal-pagament ma tiġix newtralizzata billi kondebitur ieħor jammetti d-dejn; għax għalkemm il-kondebituri solidali jirrappreżentaw lil xulxin di fronti għall-kreditur, din ir-rappreżentanza għandha ċerti limiti, u ma testendix għal kull xorta ta' atti li wieħed minnhom jogħġbu jagħmel bi preġudizzju ta' l-oħrajn. U għaldaqstant, għalkemm wieħed mill-kondebituri jammetti s-somma tad-dejn, l-oħrajn ma humiex preklużi b'dik l-ammissjoni milli jeċċepixxu l-pagament tad-dejn, kollu jew biċċa minnu.*

Il-Qorti, — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u magħmula l-provvedimenti opportuni, peress li l-konvenuti jiddetjenu in enfitewsi temporanea l-għalqa fil-limiti tal-Qrendi, imsejħa "Ta' Żiġda" sive "Tal-Hotba", fil-kuntrada ta' San Mattew, tikkonfina mil-lvant ma' Triq il-Hotba jew ta' Wied iż-Żurrieq, minn nofs inhar ma' beni ġa posseduti minn Silvestro Sciberras, u mill-punent u t-tramuntana ma' beni ġa posseduti minn Salvatore Gauci, liema għalqa kienet ġiet konċessa in enfitewsi temporanea għal 150 sena lil Silvestro Sciberras, awtur tal-konvenuti, fl-atti tan-Nutar Chierico Giuseppe Rossi tat-28 ta' Settembru

1900 (*dok. B*), versu ċ-ċens annwu temporanen ta' £8; u peress li l-imsemmija konvenuti jinsabu morużi fil-ħlas taċ-ċens f'somma ferm akbar mill-ammont taċ-ċens ta' tliet snin; u peress li għalhekk l-attur għandu dritt jitlob ix-xoljiment ta' l-enfitewsi u l-ħlas ta' l-ammont dovut, skond *id-dispost ta' l-artikoli 1605 u 1607* tal-Kodiċi Ċivili; talab (1) li *tiġi dikjarata* maħlula l-imsemmija enfitewsi temporanea konċessa lill-awtur tagħhom bl-att tan-Nutar *Giuseppe Rossi* tat-28 ta' Settembru 1900, imħabba morożità fil-ħlas taċ-ċens għal ammont akbar minn dak ta' tliet snin, u li kwindi l-imsemmija għalqa tiġi radd *lura lill-attur* nomine, bil-miljoramenti u l-benefikati kollha tagħha; (2) li jiġi nominat nutar biex jirċievi l-att tax-xoljiment fil-ġurnata, ħin u *lok* li *jiġu* stabbiliti *mill-Qorti*, u kuratur biex jirrappreżenta l-kontumaċi fuq l-istess kuntratt; (3) li l-konvenuti jkunu solidalment kundannati jħallsu *lill-attur is-somma li* tirriżulta dovuta għaċ-ċnus magħluqa. Bl-ispejjeż kontra l-konvenuti, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali interpellatorja tal-5 ta' Frar 1952. Ħarrek lill-konvenuti kollha biex jidhru għas-subizzjoni tagħhom:

*Omissis;*

Rat in-nota fol. 26, li biha l-attur *immodifika* l-prospett ġa *eżibit* u ddikjara li l-bilanċ taċ-ċnus dovuti huwa £39. 9. 0;

*Omissis;*

Rat il-verbal *fol.* 36, *fejn il*-konvenuti Vincenza u Silvestro Borg, per mezz tad-difensur tagħhom, ammettew li n-nota fol. 26, preżentata mill-attur, hija eżatta;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-attur fol. 38, li biha, in sostanza, isostni li huwa mhux obligat jispjega l-*imsemmijin* diskrepanzi ladarba tnejn mill-kondebituri ammettew il-kreditu;

Rat il-verbal fol. 43, fejn l-attur, per mezz tad-difensur tiegħu, talab li, qabel ma *jingħata* provvediment rigward l-ammont taċ-ċnus dovuti, jiġi deċiż jekk l-ammissjoni ta' xi wħud mill-konvenuti, bħala debituri solidali, tivvinkolax lid-*debituri l-oħra*, u konsegwentement teżonerax lill-kreditur li jagħmel il-prova tal-kreditu tiegħu;

*Omissis;*

Ikkunsidrat, dwar l-inċident verbalizzat fol. 43 u l-eċċez-

zjoni mogħtija mill-attur fin-nota fol. 38 tal-proċess;

Illi, skond l-art. 1142 (1) tal-Kodiċi Civili, il-kondebitur solidali jista' jagħti l-eċċezzjonijiet kollha li huma personali għalih, kif ukoll dawk li jgħoddu għalih u għall-kondebituri l-oħra kollha;

Illi dana jfisser li l-eċċezzjonijiet mhux personali, iżda komuni għall-kondebituri kollha, jistgħu jiġu opposti minn kull wieħed minnhom għal rasu. Igħid Melucci:— "E' evidente che le eccezioni, le quali risultano da un fatto originariamente comune a tutto il fascio delle obbligazioni costituenti la solidarietà, sono proponibili da tutti e ciascuno dei correi" (Teoria delle Obbligazioni Solidali, § 49);

Illi dawna l-eċċezzjonijiet komuni huma, ġeneralment, dawk li huma intiżi biex jimpunjaw il-validità ta' l-obligazzjoni, l-eżistenza tal-kreditu, u l-"quantum" jew l-entità ta' l-istess kreditu (v. Digesto Italiano, Solidarietà, § 24); u wieħed mill-mezzi komuni ta' difiża huwa l-pagament, peress li bih tinqatel l-obligazzjoni, u kwindi tispiċċa s-solidarjetà. "Il pagamento", igħid Giorgi, "è eccezione comune a tutti i debitori; libera completamente tutti, se integrale; diminuisce proporzionalmente il debito, se parziale" (Obbligazioni, Vol. I, § 163);

Illi, konsegwentement, kull wieħed mid-debituri solidali, sew jekk imħarrek waħdu, sew jekk imħarrek mal-kondebituri l-oħra, għandu d-dritt li jeċċepixxi l-pagament, anki parzjali; għaliex b'hekk huwa jkun qiegħed inaqqas ir-responsabilità tiegħu fid-debitu;

Illi, però, l-attur jippretendi li dina l-eċċezzjoni tiġi newtralizzata meta kondebitur ieħor jammetti d-debitu. Veru li, skond il-prinċipji tas-solidarjetà, il-kondebituri jirrappreżentaw lil xulxin quddiem il-kreditur, iżda din ir-rappreżentanza għandha ċerti limiti, u ma testendix ruħha għal kull xorta ta' atti li wieħed mill-kondebituri jogħġbu jagħmel anki bi preġudizzju ta' l-oħrajn. Maġistrali f'dan ir-rigward huwa l-insenjament ta' Pacifici Mazzoni:— "Si reputano rappresentanti e mandatari gli uni degli altri nell'interesse del creditore per tutto ciò che tende a conservare e perpetuare le ragioni di lui, e nell'interesse reciproco per tutto ciò che pos-

sa migliorare la loro condizione" (Istituzioni, Vol. IV, § 16);

Illi minn dawn il-prinċipji jistgħu jinġibdu konsegwenzi importanti; fosthom:—

1. Illi, bħala regola, kondebitur ma jistax jippreġudika d-drittijiet tal-kondebituri l-oħra; u jekk huwa jirrinunzja, jew ma jużax xi mezzi ta' difiża li jkunu komuni għall-oħrajn, dawn jibqgħu dejjem fid-dritt tagħhom li jużawhom; diversament dawk l-eċċezzjonijiet ma jibqgħux komuni. Di pjù, biex jirrinunzja għalihom, il-kondebitur mhux preżumibili li jkollu l-fakoltà minn għand l-oħrajn, peress li dina r-rappreżentanza hija finzjoni ġuridika, u mhux verosimili li bejniethom il-kondebituri jkunu taw il-poter li wieħed minnhom jippreġudika d-drittijiet ta' l-oħrajn per mezz ta' rinunzja. Il-prinċipju li r-rinunzji ma huma qatt preżunti għandu jimpera anki f'materja ta' solidarjetà. Applikazzjoni ta' dana l-prinċipju nsibuha fil-każ prospettat mill-Melucci, ta' kondebitur li jaċċetta sentenza mogħtija kontra tiegħu; b'dana biss is-sentenza ssir ġudikat anki għall-oħrajn, b'mod li ma jkunux jistgħu jappellaw minnha? "Certamente no", igħid Melucci, "essi conserveranno, in quanto non lo abbiano personalmente pregiudicato, il diritto di appello od altro mezzo d'impugnativa; per la ragione affatto naturale che, come prima della sentenza il debitore convenuto non poteva, in pregiudizio degli altri, rinunziare ad un mezzo di difesa comune a tutti, mancandogli per questa facoltà la rappresentanza, così neppure dopo la sentenza potrebbe rinunziare ad un gravame comune, ugualmente comune a tutti" (op. ċit., § 68);

2. Illi, għalhekk, bħala prinċipju, kull wieħed mill-kondebituri hu *obligat* u *interessat* li jikkontesta l-kreditu; għaliex ir-regress tiegħu kontra l-kondebituri l-oħrajn ma jkunx possibili jekk huwa jkun ħallas ħażin, jew ikun ħallas ammont mhux dovut. Difatti, kif igħid Giorgi, "il fondamento medesimo del diritto di ricorso dimostra la necessità che il pagamento sia riuscito utile ai debitori. Invero questo fondamento *non trovasi tanto* nel danno provato dal debitore che paga per conto altrui, quanto nell'utile che gli altri condebitori risentono da quel pagamento. In ultimo, è bene ricordarlo, 'quod quis ex sua culpa damnum sentit, non intelligitur dam-

num sentire' " (op. ċit., § 200);

3. Illi l-applikazzjoni ta' dana l-prinċipju waslet sal-pont li l-kondebitur solidarju għandu dejjem interess li jikkontesta lill-kreditur l-ineżistenza tad-debitu, non ostanti li dan ikun ġa kompletament soddisfatt minn wieħed ieħor mill-kondebituri (v. Cassazione Torino 21. 6. 1905, in re "Pani c. Beltramini", riportat fil-Fadda, Giurisp. Codice Civile Italiano, art. 1193, § 8 u 9; u Coen, Repertorio Annuale 1905, Obbligazioni e Contratti, § 50);

4. Illi, in sostanza, dana l-prinċipju ġie rikonoxxut anki mill-Qrati Tagħna, meta obbligaw lill-kreditur li jipprovdi liddebitur konvenut lista tal-kondebituri l-oħra solidali miegħu, sabiex, jekk irid, isejħilhom fil-kawża u jagħti l-eċċezzjonijiet tagħhom, u f'kull każ ikun jista' jeżerċita kontra tagħhom id-dritt ta' regress (ara sentenza riportata fil-Kollezzjoni, Vol. XXVI—II—295, ċitata mill-attur);

5. Illi, fl-aħħarnett, mhux ta' min jinjora l-obligu ta' kull kreditur li jispeċifika b'mod ċert il-kreditu tiegħu — obligu dana rikonoxxut fil-ġurisprudenza tagħna (Kollez. XV, 81);

Illi, premessi dawna l-konsiderazzjonijiet, il-Qorti ma tistax taċċetta l-pretensjoni ta' l-attur. Difatti, minn sempliċi konfront bejn il-prospett tal-kreditu ta' l-attur u l-irċevuti eżibiti mill-konvenut Agius hemm diskrepanzi mhux indifferenti, li l-attur huwa obligat jispjega; mhux biss għaliex hu qiegħed jitlob il-ħlas taċ-ċnus skaduti, iżda anki għaliex qiegħed jippretendi li, bħala konsegwenza tal-morożità f'dak il-ħlas, l-enfitewsi għandha tiġi riżoluta;

Illi f'dan il-każ ma jidherx applikabili l-prinċipju rikonoxxut mill-Qorti ta' l-Appell tal-Maestà tar-Reġina fil-kawża "Baruni Lino Testaferrata Bonici et. vs. P.L. Joseph Diacono et.", deċiża fil-15 ta' Diċembru 1952, li ċjoè d-diversi kondebituri jirrappreżentaw lil xulxin "ad conservandam obligationem"; għaliex fil-każ preżenti l-ammont dovut ma hux ċert, u għalhekk, jekk xi kondebitur jammetti mingħajr diskussjoni l-ammont preiż mill-attur, mentri dana ma jkunx dovut, ikun qiegħed mhux jikkonserva l-obligazzjoni,

iżda joħloq obligazzjoni ġdida jew jaggrava dik eżistenti; u ma hemmx rappreżentanza bejn il-kondebituri "ad augendam obligationem";

Illi taħt dawn iċ-ċirkustanzi, l-ammissjoni tal-konvenuti Vincenza u Silvestro Borg (fol. 36 tal-proċess) ma tippreġudikax id-dritt ta' l-oħrajn li jikkontestaw il-kreditu ta' l-attur; li konsegwentement ikollu jiġi pruvat u likwidat skond il-liġi;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-eċċezzjoni opposta mill-attur fin-nota tiegħu fol. 38 u ribadita minnu fil-verbal fol. 43; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Tinnomina bħala perit legali, a spejjeż provviżorjament ta' l-attur, l-Avukat Dr. Albert V. Grech.............. biex jirrelata jekk il-konvenuti għandhomx jagħtu lill-attur iċ-ċnus minnu reklamati, u f'każ affermativ jillikwida l-ammont minn kull wieħed minnhom dovut, u jagħmel l-osservazzjonijiet kollha li għandhom x'jaqsmu mal-każ.............. u jippreżenta r-relazzjoni mhux aktar tard mis-16 ta' April 1953, għal liema ġurnata tibqa' differita l-kawża.